32006D0274

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' April 2006

dwar ċerti miżuri protettivi rigward id-deni klassiku tal-ħnieżer u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/254/KE

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 1556)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/274/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Seħħew tifqigħat tad-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fil-Ġermanja.

(2) Fid-dawl tal-kummerċ tal-ħnieżer ħajjin u ċerti prodotti tal-ħnieżer, dawn it-tifqigħat jistgħu joħolqu periklu għall-merħliet ta' Stati Membri oħra.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/254/KE tat-28 ta' Marzu 2006 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fil-Ġermanja ([2]) għalhekk ġiet adottata sabiex issaħħaħ il-miżuri meħuda mill-Ġermanja skond id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-infafet vesikolari (Deni Klassiku) tal-ħnieżer ([3]).

(4) Il-kundizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-kummerċ tal-ħnieżer ħajjin huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([4]).

(5) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni għall-kummerċ tas-semen tal-ħnieżer huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tal-majjali ([5]).

(6) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-kummerċ ta' l-ova u l-embrijuni tal-ħnieżer huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE tad-9 ta' Novembru 1995 li tistabbilixxi l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju fl-ova u l-embrijuni tal-majjali ([6]).

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE ta' l-1 ta' Frar 2002 li tapprova Manwal Djanjostiku li jwaqqaf proċeduri djanjostiċi, metodi tal-kampjunar u kriterji għall-istima tat-testijiet fil-laboratorju għall-konferma tad-deni klassiku tal-majjali ([7]) jipprovdi dwar protokolli tas-sorveljanza li jkunu adatti għar-riskju.

(8) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja, huwa f'loku li jinżammu l-miżuri protettivi rigward id-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja għal perjodu twil biżżejjed biex ikunu jistgħu jsiru l-investigazzjonijiet meħtieġa.

(9) Jeħtieġ ukoll li l-miżuri jiġu estiżi, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kuntatti ma' u bejn stabbilimenti tal-ħnieżer f'ċerti partijiet mill-Ġermanja, u li jkun hemm l-esiġenza ta' limitazzjoni reġjonali ta' ċerti servizzi relatati mal-ħnieżer, bil-għan li l-marda ma titħalliex tixtered.

(10) Id-Deċiżjoni 2006/254/KE għandha titħassar.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/33/KE (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).
([2]) ĠU L 91, 29.3.2006, p. 61.
([3]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.
([4]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1/2005 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
([6]) ĠU L 275, 18.11.1995, p. 30.
([7]) ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Ġermanja għandha tiżgura li l-ebda ħanżir ma jintbagħat mit-territorju tagħha lejn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Ġermanja tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' ħnieżer għall-qatla lejn biċċerija barra mill-Ġermanja għall-qatla immedjata, bil-kundizzjoni li l-ħnieżer ikunu ilhom residenti għal talanqas 60 jum, jew mit-twelid jekk ikollhom età ta' anqas minn 60 jum, fi stabbiliment wieħed li:

(a) jinsab barra ż-żoni elenkati fl-Anness I, u

(b) ma jkunx irċieva ħnieżer ħajjin matul żmien ta' 60 jum immedjatament qabel id-data tad-dispaċċ tal-ħnieżer,

(ċ) jkun sarlu eżami skond il-Kapitolu IV (D) (3) tad-Deċiżjoni 2002/106/KE b'riżultati negattivi.

3. L-awtorità veterinarja kompetenti tal-Ġermanja għandha tiżgura li n-notifika tad-dispaċċ tal-ħnieżer lejn Stati Membri oħra tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet veterinarji ċentrali u lokali ta' l-Istat Membru destinatarju u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jkunu se jgħaddu minn ġo fih talanqas tlitt ijiem qabel id-data tad-dispaċċ.

Artikolu 2

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tad-Direttiva 2001/89/KE. u partikolarment l-Artikoli 9, 10 u 11 tagħha, il-Ġermanja għandha tiżgura li:

(a) l-ebda ħanżir ma jiġi ttrasportat minn u lejn stabbilimenti elenkati fiż-żoni deskritti fl-Anness I;

(b) it-trasport tal-ħnieżer għal-qatla li jkunu ġejjin minn stabbilimenti barra ż-żoni elenkati fl-Anness I fi triqithom lejn biċċeriji li jinsabu f'dawk iż-żoni u t-tranżitu ta' ħnieżer minn dawk iż-żoni huma permessi biss:

(i) permezz tat-toroq ewlenin jew il-ferroviji; kif ukoll

(ii) skond l-istruzzjonijiet dettaljati maħruġa mill-awtorità kompetenti biex il-ħnieżer ikkonċernati ma jithallewx jiġu f'kuntatt dirett jew indirett ma' ħnieżer oħra matul it-trasport.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a) u mhux aktar kmieni minn 10 ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport tal-ħnieżer minn stabbiliment li jkun jinsab f'waħda miż-żoni elenkati fl-Anness I.

(a) direttament lejn biċċerija li tinsab f'dawk iż-żoni; jew

(b) f'każijiet eċċezzjonali, lejn biċċeriji magħżula fil-Ġermanja li jkunu jinsabu barra dawk iż-żoni, għall-qatla immedjata, bil-kundizzjoni li dawk il-ħnieżer ikunu ntbagħtu minn stabbiliment li jkun sarlu eżami skond il-Kapitolu IV (D) (3) tad-Deċiżjoni 2002/106/KE b'riżultati negattivi.

Artikolu 3

Il-Ġermanja għandha tiżgura li l-ebda kunsinja tal-prodotti li ġejjin ma tintbagħat lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi:

(a) is-semen tal-ħnieżer, sakemm is-semen ma joriġinax minn ħnieżer miżmuma f'ċentru ta' ġbir kif jissemma fl-Artikolu 3 (a) tad-Direttiva 90/429/KEE u li jkun jinsab barra ż-żoni elenkati fl-Anness I;

(b) l-ova u l-embrijuni tal-ħnieżer, sakemm l-ova u l-embrijuni ma joriġinawx minn ħnieżer miżmuma fi stabbiliment li jkun jinsab barra ż-żoni elenkati fl-Anness I.

Artikolu 4

Il-Ġermanja għandha tiżgura li ċ-ċertifikat tas-saħħa li dwaru jipprovdu:

(a) Id-Direttiva 64/432/KEE li takkumpanja l-ħnieżer mibgħuta mill-Ġermanja għandha tiġi kkompletata b'dan li ġej:

"L-annimali skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/274/KE tas-6 ta' April 2006 dwar ċerti miżuri protettivi rigward id-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fil-Ġermanja"

(b) Id-Direttiva 90/429/KEE li takkumpanja s-semen tal-ħnieżer mibgħut mill-Ġermanja għandha tiġi kkompletata b'dan li ġej:

"Semen skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/274/KE tas-6 ta' April 2006 dwar ċerti miżuri protettivi rigward id-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fil-Ġermanja"

(ċ) Id-Deċiżjoni 95/483/KE li takkumpanja l-ova u l-embrijuni tal-ħnieżer mibgħuta mill-Ġermanja għandha tiġi kkompletata b'dan li ġej:

"L-ova/l-embrijuni (*aqta' skond il-każ*) skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/274/KE tas-6 ta' April 2006 dwar ċerti miżuri protettivi rigward id-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fil-Ġermanja"

Artikolu 5

Il-Ġermanja għandha tiżgura li:

1. fi ħdan iż-żoni elenkati fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti jiddefinixxu żoni fuq il-bażi tar-riskju, u li talanqas dawk is-servizzi pprovduti minn persuni f'kuntatt dirett mal-ħnieżer jew li jirrikjedu d-dħul fil-kompartimenti fejn jinżammu l-ħnieżer u l-użu ta' vettturi għat-trasport ta' l-għalf, id-demel jew l-annimali mejta lejn u mill-istabbilimenti tal-ħnieżer li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I ikunu limitati biss għal dawk il-kompartimenti, u ma jinqasmux ma' partijiet oħra tal-Komunità, ħlief wara t-tindif u d-diżinfezzjoni komprensiva tal-vetturi, t-tagħmir u kwalunkwe materjal ieħor li jista' jġorr il-patoġeni, u wara assenza minima ta' kwalunkwe kuntatt mal-ħnieżer jew l-istabbilimenti tal-ħnieżer għal talanqas tlitt ijiem;
2. fiż-żoni elenkati fl-Anness I, il-miżuri ta' sorveljanza jittieħdu skond il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II;
3. il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mard jiġu applikati kif ikun meħtieġ, skond l-Artikolu 4(3)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE;
4. kampanja ta' informazzjoni adegwata tiġi indirizzata lejn l-operaturi tat-trobbija tal-ħnieżer.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri ma għandhomx jibgħatu ħnieżer lejn il-biċċeriji fiż-żoni elenkati fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) vetturi li jkunu ntużaw għat-trasport tal-ħnieżer fil-Ġermanja jew li jkunu daħlu fi stabbiliment fil-Ġermanja fejn jinżammu l-ħnieżer jitnaddfu u jiġu ddiżinifettati darbtejn wara kull operazzjoni; u sospiżi mit-trasport tal-ħnieżer għal talanqas tlitt ijiem.

(b) lill-awtorità kompetenti, it-trasportaturi jagħtuha prova ta' din id-diżinfezzjoni.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex jikkonformawhom ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jippubblikizzaw il-miżuri adottati b'mod xieraq u immedjat. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Mejju 2006.

Artikolu 9

Id-Deċiżjoni 2006/254/KE b'dan hija mħassra.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Iż-żoni fil-Ġermanja msemmija fl-Artikoli 1, 2, 3, 5 u 6:

It-territorju kollu tan-Nordrhein-Westfalen.

ANNESS II

Skond l-Artikolu 5(2), il-Ġermanja għandha tiżgura li, fiż-żoni elenkati fl-Anness I, jiġu implimentati l-miżuri ta' sorveljanza li ġejjin:

(a) kwalunkwe każ ta' mard li jittieħed fi stabbilimenti tal-ħnieżer li għalih huwa indikat trattament bl-antibijotiċi jew b'mediċinali antibatteriċi oħra għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet kompetenti veterinarji mingħajr dewmien, u qabel ma jinbeda t-trattament,

(b) fl-istabbilimenti tal-ħnieżer imsemmija f'(a), l-eżamijiet kliniċi u l-proċeduri għat-teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-Kapitolu IV (A) ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE jitwettqu mingħajr dewmien minn veterinarju.